# *Kunsill Lokali Marsaskala*

228, Triq is-Salini, Marsaskala, Malta
Tel : 21637171, Fax : 21637744,
E-mail : marsaskala.lc@gov.mt


Minuti tal-laqgħa Nru : **42** li nżammet il-Kunsill Lokali Marsaskala nhar **it-Tlieta 13 ta' Novembru 2012 fis-6.00p.m.**

## L-Ewwel Seduta

| | ***Membri*** |
|---|---|
| Is-Sindku | Is-Sur Mario Calleja |
| Il-Viċi Sindku | Is-Sur Charlot Mifsud |
| Il-Kunsilliera | Is-Sur George Farrugia<br>Is-Sur Lawrence Ciantar<br>Is-Sinjura Carmen Fearne<br>Is-Sur John B. Camilleri<br>Is-Sur Jesmond Mugliett (daħal għall-laqgħa fis-6.15pm)<br>Is-Sur Daniel Spiteri (daħal għall-laqgħa fit-8.00pm) |
| Is-Segretarju Eżekuttiv | Is-Sur Josef Grech |
| Skużat | Is-Sur Sandro Gatt |
| Assistent Prinċipal | Is-Sinjura Claudine Fenech |

### ***Aġenda***

1. Konsiderazzjoni w Approvazzjoni tal-Minuti – Seduta Numru 41.
2. Punti li joħorġu mill-Minuti.
3. Komunikazzjoni u Korrispondenza li s-Sindku jixtieq li jresseq quddiem il-Kunsill.
4. Awtorizazzjoni tal-Ħlasijiet.
5. Mistoqsijiet.
6. Mozzjonijiet.
7. Informazzjoni dwar l-attivitajiet mill-Kunsilliera.
8. Aġġornament.

Mayor
Mario Calleja

Deputy Mayor
Charlot Mifsud

Councillors
John Baptist Camilleri
Carmen Fearne
Lawrence Ciantar
George Farrugia
Sandro Gatt
Jesmond Mugliett
Daniel Spiteri

Executive Secretary
Josef Grech

1.0 ***Qari w approvazzjoni tal-Minuti :***

1.1 **Laqgħa Nru 41(1) tas-16 ta' Ottubru 2012:**

Il-minuti ġew meħuda bħala moqrija.

1.1.1 Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar qal illi Mozz 8.7 trid tinbidel u tinqara hekk:

*"Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar spjega li dawn it-tabelli jeżistu Birkirkara u din tkun tabella twila, bl-ismijiet tal-ħwienet."*

~~Il-Kunsill qabel unanimament illi nkellmu lis-sidien tal-ħwienet u dawn għandhom iħallsu skond il-bye laws".~~

1.1.2 Is-Sindku s-Sur Mario Calleja qal li item # 3.2 trid tinbidel u tinqara hekk:

*"Is-Sindku nforma lill-Kunsilliera preżenti illi kien attenda seminar rigward il-persuni b'diżabilta` sabiex ikollhom opportunitajiet indaqs fil-qasam tax-xogħol. Huwa żied jgħid illi wara li vverifika mal-Ministru Chris Said u mal-persuna responsabbli mill-avvanz tal-mara, rriżulta illi kellhom jiddiskutu jekk dawk il-persuni illi ma kienux ilhom jirreġistraw għall-inqas minn sitt xhur jaqawx taħt din l-iskema. Aħna konna applikajna għal din l-iskema pero` ma konniex nafu illi dawn il-persuni b'diżabilita` iridu jkunu ilhom jirreġistraw għal sitt xhur mhux bħal kull persuna oħra li tapplika għal skemi oħra".*

1.1.3 Il-Kunsillier is-Sur John Baptist Camilleri qal li item # 3.4 trid tinbidel u tinqara hekk:

*"Il-Kunsill qabel unanimament illi l-Kunsillier is-Sur John Baptist Camilleri responsabbli mill-Wirt Storiku jagħmel laqgħa magħhom sabiex jiġu diskussi l-arranġamenti li qed jitolbu".*

Il-Kunsillier is-Sur John Baptist Camilleri informa lill-Kunsill li din il-laqgħa saret diġa magħhom sabiex isiru l-arranġamenti meħtieġa.

**Il-Kunsillier is-Sur George Farrugia ppropona l-approvazzjoni tal-minuti kif emendati u l-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar issekonda.**

**Wara konsiderazzjoni, l-minuti ġew unanimament approvati u ffirmati mis-Sindku u mis-Segretarju Eżekuttiv bħala dokument korrett.**

2.0 ***Punti li joħorġu mill-Minuti:***

**Laqgħa Nru 41(1) tas-16 ta' Ottubru 2012:**

2.1 **Memo 35/2012 – Skema ta' Impjieg Inklussiv fil-Komunita` (35/5963/12/I):**

Is-Sindku s-Sur Mario Calleja nforma lill-Kunsilliera preżenti rigward item # 3.2, li se tiġi persuna b'diżabilita` miċ-Ċentru għall-Adulti sabiex taħdem magħna.

2.2 **Tamarisk (35/5664/12/I):**

Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar informa lill-Kunsill rigward item # 3.6, li rċivejna *email* mingħand is-Sur Randolf Spiteri tal-MELP u fejn anke d-Dipartiment bagħat *reminder* dwar Memo 114/10 rigward dan fejn il-Gvern fassal *policy* għaż-żbir tas-siġar kollha li jaqgħu taħt ir-responsabbiltà tiegħu u tal-Kunsilli Lokali.

Il-linji gwida taħt din il-*policy* tfasslu mill-*Malta Embellishment Landscaping Project* (MELP) fi ħdan il-Ministeru għar-Riżorsi u l-Affarijiet Rurali. Aħna mitluba li nimxu ma' dawn il-linji gwida fiż-żbir u ż-żamma tas-siġar fil-lokalitajiet tagħna. Dan biex waqt li jibqgħu jinżammu fi stat estetikament sabiħ, ma ssirilhom ebda ħsara. Is-Sur Ciantar kompla jispjega li s-Sur Spiteri avżana minn qabel biex ma terġax tiġri li qabel ma niżbru, l-Kuntrattur jibgħatilhom għall-approvazzjoni tagħhom u li ma nerġawx niżbru t-tamarisk ta' Triq il-Qaliet u nġibuhom zokk.

Is-Sindku kompla jgħid li fejn is-siġar ikunu ta' periklu għax ikunu qed jostakolaw it-triq, dawn iridu jiġu maqtugħa minnufih. Is-Sindku qal li aħna Gvern Lokali u dak li nagħmlu, nagħmluh għal ġid tal-lokal sabiex nevitaw xi nċidenti. Ġie deċiż ukoll li filkaż li nibgħatu ninfurmaw lill-MELP, nistipolaw *deadline* għar-risposta sabiex il-proċess ma jieħux fit-tul.

❖ ***Il-Kunsillier is-Sur Jesmond Mugliett daħal għall-laqgħa fis-6.15p.m.***

2.3 **<u>List on new application within locality (35/5748/12/I):</u>**

Il-Kunsillier is-Sur John Baptist Camilleri qal li item # 3.3 rigward il-*fishfarms* li se jitpoġġew fil-lokalita` tagħna. Wara li rċivejna l-korrispondenza bil-pjanti, fuq aktar dettalji fejn se jitpoġġew dawn il-*fishfarms*, irriżulta li dawn se jitpoġġew aktar lejn l-art u se jiżdiedu, allura l-Kunsill għandu joġġezzjona aktar bil-qawwi rigward dan.

Is-Sindku ppropona li għas-smiegħ ta' dawn l-applikazzjonijiet, l-Kunsill għandu jkun preżenti sabiex joġġezzjona.

Il-Kunsill qabel unanimament.

2.4 Il-Kunsillier is-Sur John Baptist Camilleri qal li għar-rigward il-mozzjoni 361 item # 8.7, fejn il-Kunsillier Ciantar ppropona li jsiru tabelli ta' nformazzjoni jew direzzjoni ta' restoranti, bars, jew ħwienet, huwa kien ġab *sample* ta' kif iridu jsiru dawn it-tabelli ħalli nagħmluhom uniformi *b'standard* wieħed.

Is-Sindku ppropona li jkunu bi ħlas.

Il-Kunsill qabel unanimament.

2.5 Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar staqsa għar-rigward il-mozzjoni 360 item # 8.6, jekk kellniex xi risposta mingħand il-WasteServ għat-tiżjin tal-Milied.

Is-Sindku rrisponda li kellu laqgħa mal-WasteServ fejn se jagħmlu dwal huma fi Triq ix-Xatt, ftit minn Triq tal-Gardiel, fejn il-Knisja (Awwista), Triq Sant'Antnin, Pjazza Dun Tarċis Aġius.

Il-Kunsillier is-Sur John Baptist Camilleri qal li kemm jista` jkun malajr se jikkordina x-xogħol magħhom minħabba d-dwal tal-Milied.

2.6 **<u>Overtime mill-ħaddiema tal-Kunsill għas-siegħat żejda li ħadmu matul is-sena:</u>**

Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar staqsa għar-rigward item # 3.9, jekk is-Segretarju Eżekuttiv iċċekjax dwar l-*overtime*.

Is-Segretarju Eżekuttiv qal li l-ħaddiema huma ntitolati li jieħdu kwarta *break* kull sitt siegħat u dan ivverfikajnih mal-Ftehim Kollettiv tal-Kunsilli Lokali. Għar-rigward dan, il-ħaddiema iddeċidew sabiex jibqgħu jaħdmu l-istess ħinijiet u l-break jinqata` mill-*leave* tagħhom u allura s-siegħat żejda mhumiex se jibqgħu japplikaw.

Il-Kunsill approva unanimament.

3.0 ***Komunikazzjoni u Korrispondenza li s-Sindku jixtieq li jresseq quddiem il-Kunsill:***

3.1 **Korrispondenza mit-Trasport Malta rigward speed survey li sar fi Triq il-Qaliet (35/6389/12/I):**

Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill li rċivejna *email* mingħand is-Sinjura Testaferrata De Noto għar-rigward it-talba tagħna li jsiru *speed indicators* fi Triq il-Qaliet, fejn sar *survey* min-naħa tagħhom u pproponew li jitpoġġew *speed signs* ta' 40km/h in-naħa tal-Graphics u 50km/h in-naħa ta' San Tumas. It-TM pproponew ukoll sabiex nagħmlu xi tip ta' *road narrowing* biex b'hekk innaqqsu l-veloċita` tal-karrozzi. Tmalta qalu wkoll li mis-*speed survey* tagħhom irriżulta li me kienx hemm eċċess fil-veloċita` minn vetturi.

Is-Sindku ppropona li nagħmlu *centre strip* tul Triq il-Qaliet.

Il-Kunsill qabel unanimament li nqabdu lill-Perit jagħmel pjanta ta' xogħol, kif ukoll stima għal dan ir-rigward u wara nitolbu għall-approvazzjoni tat-TM.

3.2 **Korsijiet tal-Kompjuter mit-TCTC (35/6407/12/O):**

Il-Kunsillier is-Sinjura Carmen Fearne spjegat fid-dettal x'tip ta' korsijiet tal-kompjuter se jingħataw mit-TCTC, liema korsijiet se jibdew madwar Frar jew Marzu 2013. Il-korsijiet huma *e-lifestyles* li jinkludi *facebook* fost oħrajn, kif ukoll module 2, 3 u 4 ta' l-ECDL. Il-Kunsill iħallas €1100 għal erba` korsijiet, iżda mportanti li ma jkollniex aktar minn 65 persuna għal kull kors. Il-*leaflet* se tintbagħat fil-bidu ta' Jannar, liema *leaflet* titqassam mill-Kunsill. L-applikanti jħallsu €15 għal kull kors għall-informazzjoni li tiġi pprovduta lilhom.

Il-Kunsill qabel unanimament.

3.3 **Memo 40/2012 – Għajnuna lill-Kunsilli Lokali li għandhom ir-responsabilita` ta' Libreriji Lokali (35/6350/12/I):**

Il-Kunsillier is-Sinjura Carmen Fearne infurmat lill-Kunsill li għall din l-iskema l-Kunsill se joħroġ €700 sabiex ituna €700 min-naħa tad-Dipartiment peress li huwa l-massimu ta' kemm nistgħu nieħdu. Is-Sinjura Fearne infurmat lill-Kunsill li fil-librerija tneħħew 70% mill-kotba għax kienu antiki ħafna u qed jitpoġġew kotba moderni fejn anke nies minn lokalitajiet oħra qed jiġu fil-libreija tagħna.

Is-Sinjura Fearne qalet li jekk il-Kunsill iġib *sponsor*, ikunu jistgħu jitpoġġew xkafef ġodda wkoll.

Il-Kunsill qabel unanimament.

3.4 **Informazzjoni dwar il-proġett Miżura 125 (35/6271/35/I):**

Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill li rċivejna *email* mingħand is-Sur Silvio Schembri tal-Gal Xlokk fejn infurmana li dalwaqt se niġu kkuntatjati mill-Perit tal-MEPA sabiex isiru l-ispezzjonijiet neċessarji għal dan il-proġett li applikajna għalih xi sena ilu għal dik it-triq li minn ħdejn il-Kappella ta' San Gejtanu fi Triq id-Daħla ta' San Tumas tagħti lejn ir-Ramla.

3.5 **Loading/Unloading fi Triq il-Hortan (35/6290/12/I):**

Is-Segretarju Eżekuttiv qara *email* li rċivejna mingħand is-Sur Ray Rizzo fejn qed jitlob għall-permess ta' *loading/unloading* quddiem il-ħanut tiegħu li jinsab Nru 90, Triq il-Hortan.

Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni dwar dan u qabel unanimament li joħroġ *No Objection*.

3.6 **Manutenzjoni tal-binijiet tal-Gvern (35/6319/12/I):**

Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill li rċivejna *email* mingħand is-Sinjura Sonia Bruno tal-*Housing*, fejn l-Aworita` tad-Djar ħabbret l-ewwel skema tagħhom dwar oqsma tal-binijiet tal-Gvern.

Il-Kunsill approva unanimament li ma napplikawx għaliha għax fil-lokalita` tagħna m'hawnx bini tal-Gvern.

3.7 **SR Environmental Services (35/6158/12/I):**

Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill li rċivejna *email* mingħand l-Avukata Dr. Veronique Dalli fejn infurmat lill-Kunsill li l-ispiża għall-ġarr ta' dawn il-*litter bins* hija biss ta' €500 u jekk din il-kwistjoni tiġi ndirizzata quddiem il-Qrati jkunu qed jinkorru spejjeż kbar fi proċeduri li jistgħu jieħdu s-snin, meta kwestjoni bħal din tista` tiġi riżolta barra l-Qorti bi ftit buon sens. Għalhekk hija qed tissuġġerixxi li dawn il-bins inkwestjoni jiġu żmantellati u nstallati mill-ħaddiema tal-Kunsill, filwaqt li t-trasport jinqasam bejn il-Kunsill u SR Environmental Services. Is-Segretarju Eżekuttiv spjega li huwa kien bagħat jinforma lis- SR Environmental Services diversi drabi, iżda minflok offrew li jagħtuna 20 *litter bin* bil-prezz ta' €20 + VAT kull wieħed.

Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar qal li mhuwiex kuntent bil-*litter bins* provduti minn din il-kumpanija għaliex il-flus kienu tajbin, iżda l-prodott kien ħażin meta fit-tender jistipola li dawn il-*bins* riedu jkunu għal kontra s-sadid u dawn f'inqas minn sentejn saddu.

Il-Kunsill qabel unanimament li jsir hekk u b'hekk il-ħaddiema tagħna jagħmlu x-xogħol.

3.8 **Talba mingħand is-Sur Matthew Pace għall-embellishment tal-ġnien li jinsab quddiem ir-restorant Summer Nights (35/6150/12):**

Is-Sindku spjega lill-Kunsill li rċivejna korrispondenza mingħand is-Sur Matthew Pace fejn qed jitlob l-*embellishment* tal-ġardina li hemm quddiem 47, Summer Nights.

Il-Kunsill approva unanimament li nitolbuh itina pjanta mill-Perit tiegħu eżatt kif se jsir ix-xogħol. Il-Kunsill qabel ukoll li din il-ġardina trid tibqa` tal-Kunsill u ma jingħatax it-titlu ta' l-art, ċioe` li ssir devoluzzjoni ta' l-art.

3.9 **PA 01352/08 – Fishfarms (35/6408/12):**

Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill li rċivejna korrispondenza mill-MEPA bil-pjanti neċessarji u bl-informazzjoni li tlabna mill-aħħar laqgħa tal-Kunsill.

Il-Kunsill diġa tkellem fuq dan ir-rigward f'item 2.3.

3.10 **RTK Radio (35/6491/12/I):**

Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill li rċivejna korrispondenza mingħand ir-Radju RTK bir-rati tal-Milied sabiex il-Kunsill ikollu *airtime* għalih għal fuq programm.

Il-Kunsill m'aċċettax din it-talba peress li diġa għandna programm simili ma Radju Hompesch.

3.11 **Libraries Day (35/6489/12/I):**

Il-Kunsillier is-Sinjura Carmen Fearne infurmat lill-Kunsill li fil-5 ta' Diċembru, 2012 se tkun Library Day, allura l-Kunsill se jiftaħ il-librerija lokali mid-9.00a.m. sat-3.00p.m. u b'ko-ordinazzjoni mal-iskola fejn se jinħoloq programm għal dik il-ġurnata. Fid-9.30a.m. se jsiru story telling għat-tfal tal-kinder u fis-1.00p.m. ġej is-Sur Trevor Zahra għal studenti akbar sabiex jiffirmalhom il-kotba.

Il-Kunsill qabel unanimament.

3.12 **Memo 38/2012 – Skema dwar l-Inizjattivi ta' Attivitajiet 2012/2013 (35/6651/12/I):**

Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill li rċivejna din il-memo għall-iskema ta' attivitajiet fejn ġie mistieden is-Sur Alfred Debono jagħti spjegazzjoni dwar l-attivitajiet ta' Arti fil-Beraħ u Iljieli Skalin li jsiru fid-29 u t-30 ta' Ġunju, 2013 u fit-12 u t-13 ta' Ottubru 2013 rispettivament. Is-Sur Debono spejga fid-dettal x'ġie miktub għal din l-iskema fejn għal Arti fil-Beraħ tlabna €4000 għal fondi u għal Iljieli Skalin tlabna €5000.

Is-Sindku ppropona sabiex nistednu lill-Gal Xlokk sabiex jagħmlu xi *stalls* f'Arti fil-Beraħ.

Is-Sindku ppropona sabiex jekk possibli noħorġu tender biex nixtru palk. Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar qal li qabel isir dan niċċekjaw jekk jaqblilniex nikruh flok nixtruh il-palk.

Is-Sur Alfred Debono informa lill-Kunsill li għal żmien il-Karnival se jiġu *Chinese Troup* jagħtu xi esebizzjoni.

Il-Kunsillier is-Sur John Baptist Camilleri qal li meta ssir xi attivita` ħdejn Torri San Tumas qatt ma tkun ta' suċċess għax il-post huwa 'l bogħod mill-pjazza.

Is-Segretarju Eżekuttiv wieġeb li l-Kunsill marbut mal-proġett ERDF 212 attivitajiet mat-Torri San Tumas għal 5 snin li ġejjien, skond il-*Grant Agreement.*

Il-Kunsill approva unaniment il-programm kollu rigward l-iskema.

3.13 **Korrispondenza mingħand id-Denci Fishing Club (35/6542/12/I):**

Is-Sindku qara korrispondenza li rċivejna mingħand *Denci Fishing Club* fejn qed jitolbu lill-Kunsill sabiex issir sajda ġewwa Marsaskala u l-fondi li jinġabru jmorru għall-Istrina.

Il-Kunsill qabel unanimament.

3.14 **PA04411/09 – Proposed Petrol Station (35/6460/12/I):**

Is-Segretarju Eżekuttiv ġibed l-attenzjoni tal-Kunsill li rċivejna korrispondenza mingħand il-Perit William Lewis għan-nom tas-Sur Patrick Guntrip fejn qed jitlob in-*no objection* tagħna sabiex issir pompa tal-petrol fi Triq Sant'Antnin.

Il-Kunsill approva unanimament li ma jsibx oġġezzjoni u li tinħareġ in-*no objection letter.*

3.15 **Speed Limits fi triq iż-Zonqor (35/6524/12/I):**

Is-Sindku qara korrispondenza li rċivejna mingħand is-Sur Kenneth Gafa fejn qed jitlob lill-Kunsill sabiex jinżebgħu l-*ispeed limits* u jitwaħħlu aktar tabelli fi Triq iż-Żonqor sabiex jitnaqqas il-periklu fuq il-veloċita` tat-traffiku.

Is-Sindku nforma lill-Kunsill li x-xogħol kien għadu kif sar.

3.16 **Ikla tal-Milied għall-Istaff u l-Kunsilliera:**

Is-Sindku preżenta 3 stimi lill-Kunsill għar-rigward l-ikla tal-Kunsill għall-Milied.

1. Phoenicia - €35.00 kull persuna bid-drinks
2. Le Meridien - €25.50 kull persuna + €8.00 kull persuna fuq id-drinks
3. La Nostra Padrona - €30.00 kull persuna bid-drinks

Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill li rċivejna Memo 8/2011 mid-Dipartiment fejn il-Kunsill ma jistax jonfoq aktar minn €30.00 fuq kull ras.

Il-Kunsill approva li nmorru La Nostra Padrona peress li kien l-irħos u d-data se tkun fit-28 ta' Diċembru, 2012.

3.17 **Emergency Response & Rescue (35/6648/12/I):**

Is-Segretarju Eżekuttiv qara l-korrispondenza li rċivejna mingħand ir-Reġjun Xlokk għar-rigward kors ta' emerġenza u salvataġġ.

Il-Kunsill approva unanimament li ma jipparteċipax.

3.18 **Reserved Parking (35/6679/12/I):**

Is-Segretarju Eżekuttiv qara l-korrispondenza mingħand is-Sur Joseph Farrugia fejn qed jitlob *reserved parking* għal quddiem l-istabbiliment tiegħu li qiegħed Lotto Office 327, Nru 27, Triq Sant'Anna.

Il-Kunsill approva unanimament li ma jsibx oġġezzjoni.

3.19 **Flus dovuti lir-Reġjun Xlokk fuq ċitazzjonijiet (35/6672/12/I):**

Is-Segretarju Eżekuttiv spjega lill-Kunsill li rċivejna *email* mingħand ir-Reġjun Xlokk fejn il-Kunsill irid jagħti l-ammont ta' €6,287.00 dovuti lilhom fuq ċitazzjonijiet li bi żball mis-sistema bdew jiġu trasferiti fil-kont tagħna flok fil-kont tar-Reġjun u dan sar mal-Kunsilli Lokali kollha.

Il-Kunsill approva unanimament li jingħataw dawn il-flus lura wara li jiġu ċċekjati mill-*Accountant* tal-Kunsill.

3.20 **Emanuel Peresso – Ritratti antiki ta' Marsaskala:**

Is-Sindku qara korrispondenza mingħand is-Sur Emanuel Peresso fejn qed jitlob l-għajnuna lill-Kunsill sabiex jinstabu ritratti antiki ta' Marsaskala sabiex b'hekk jinħoloq ktieb fuq il-lokalita` tagħna. Barra minn hekk talabna sabiex inwaħħlu *posters* fin-*notice boards* tal-Kunsill sabiex min għandu ritratti minn dawn jistgħu jikkuntatjawh.

Il-Kunsill approva unanimament li ngħinu lis-Sur Peresso.

3.21 ***Uniformijiet tax-Xitwa għall-iskrivani.***

Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill li l-iskrivani se jinxtralhom uniformijiet ġodda għax-Xitwa.

Il-Kunsill approva unanimament.

3.22 **<u>Stima tal-Perit għal Triq il-Bidni (35/6687/12/I):</u>**

Is-Sindku ġibed l-attenzjoni tal-Kunsill li konna rċivejna żewġ stima ta' xogħol mingħand il-Perit li għandu jsir bil-konkos fi Triq il-Bidni skond ir-rati tal-Karmig, liema stima diġa kellhom kopja l-Kunsilliera. Is-Sindku spjega pero' li skond kif kien ġibidlu l-attenzjoni l-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar, r-rati tal-kuntrattur Polidano huma orħos.

Is-Segretarju Eżekuttiv qal ukoll li rċivejna *statement* mingħand Polidano fejn għandna ntuħ madwar €2300, liema *statement* għad irid jiġi vverifikat mill-Perit tal-Kunsill.

Saret diskussjoni dwar jekk it-toroq tal-Bidni għandhomx isiru bl-asfalt jew inkella bil-konkos. Is-Sindku qara l-*email* li kien għadu kif bagħtlu l-Perit li tispjega l-vantaġġi u l-iżvantaġġi kemm tal-konkos kif ukoll tat-tarmak f'dawn it-toroq li huma karetterizzati b'ħitan tas-sejjieħ u toroq dojoq. Il-Perit semma li biex it-toroq isiru bl-asfalt iridu jkunu wiesgħa iktar minn 9 piedi biex jidħol *paver* żgħir, apparti 'l fatt li r-rati se jkunu ogħla.

Il-Perit semma r-riskju wkoll tal-ħitan tas-sejjieħ li jista` jaqa`, filwaqt li semma wkoll li filkaż ta' asfalt xorta waħda jissuġġerixxi li mal-ġnub tat-triq isir bil-konkos sabiex nevitaw li jitla` l-ħaxix u anke biex jipproteġi l-asfalt minħabba l-għelieqi. Il-Perit spjega li pero` b'dan ix-*shuttering,* ix-xogħol ovvjament se jiġi iktar għoli.

Is-Segretarju Eżekuttiv spjega li l-Perit kien staqsa lill-MEPA u l-MEPA wieġbuh sabiex jistaqsi lit-Tmalta dwar l-użu ta' materjal għal dawn it-tip ta' toroq. Is-Segretarju Eżekuttiv qal li l-Perit kien qed jistenna risposta mingħand TMalta.

Il-Kunsillier is-Sur John Baptist Camilleri qal li l-konkos irid iż-żmien biex jinxef sew u b'hekk nieħdu aktar żmien.

Il-Kunsillier is-Sur Jesmond Mugliett ppropona li nieħdu stima ta' xogħol fuq tarmak u l-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar qabel miegħu.

❖ ***Il-Kunsillier is-Sur Daniel Spiteri daħal għall-laqgħa fit-8.00p.m.***

Il-Kunsilliera s-Sur Jesmond Mugliett u s-Sur John Baptist Camilleri ssuġġerew li jiltaqgħu fuq il-post mal-Perit, għax ċertu toroq li rrimarka l-Perit mhumiex abitabbli allura jista` jkun il-każ li jsiru toroq differenti minn dak li kien għamel il-Perit tal-Kunsill.

Il-Kunsill approva unanimament li dawn il-Kunsilliera jmorru mal-Perit ħalli jerġgħu jiġu magħżula t-toroq it-tajba u b'hekk nieħdu stimi kemm tat-tarmak, kif ukoll tal-konkos. Il-Kunsill qabel illi b'tala prinċipju nibdew mit-triq prinċipali (jiġi) minn ħdejn il-knisja sa triq is-Żafran imbagħad wara niddeċiedu fuq it-toroq
Wara din l-ispezzjoni fuq il-post u wara t-tweġiba mingħand TMalta, l-Perit u l-Kunsill ikun f'pożizzjoni x'konkorsji li jieħdu deċiżjoni aħjar dwar dan is-suġġett.

4.0 ***<u>Awtorizazzjoni tal-Ħlasijiet:</u>***

4.1 Il-Kunsill approva unaniament li l-pagament Nru # 2135 ma jitħallasx peress li dak ma setax ikun fuq Kumitat Ġbir ta' Fondi Parroċċa, iżda irid jiġi fuq Supporting Band Michael Camilleri.

➢ Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar ġibed l-attenzjoni tal-Kunsill biex niċċekjaw ir-risposta li ntbagħtet mill-Kunsill fuq Memo 39/2012 li tikkonċerna s-servizzi ta' *Contracts Manager* u ta' Perit.

➢ Is-Sindku rrisponda li huwa responsabbli mill-infrastruttura, pero` mhux kwolifikat li jiċċertifika x-xogħol bħal Perit, allura huwa jmur jara li x-xogħol qed isir sewwa u l-Perit jiċċertifika x-xogħol kif suppost u skond ir-rati stipolati fil-kuntratt.

Il-Kunsill approva l-pagamenti kollha.

5.0 ***Mistoqsijiet:***

Ma kienx hemm l-ebda mistoqsija.

6.0 ***Mozzjonijiet:***

6.1 **Mozzjoni mressaq mis-Sindku – is-Sur Mario Calleja (#368 – 23/10/12):**

*"Jipproponi sabiex jsiru culverts fi Triq l-Iskal biex wieħed jevita l-għargħar. Is-sistema lesta iżda mhux ikkomunikata u mirduma meta ngħata t-tarmak u għaldaqstant għandhom isiru gradilji tal-ħadid".*

Il-Kunsill qabel unanimament li nġibu stima mill-Perit.

6.2 **Mozzjoni mressaq mill-Kunsillier – is-Sur John B Camilleri (#369 – 5/11/12):**

*"Jipproponi li fil-grawnd tal-iskola jiżdiedu żewġ rifletturi oħra".*

Il-Kunsill qabel unanimament.

6.3 **Mozzjoni mressaq mill-Kunsillier – is-Sur John B Camilleri (#370 – 9/11/12):**

*"Jipproponi sabiex il-Kunsill jibda jaħdem favur inizjattivi sabiex jiffaċilita l-użu ta' dawk li jixtru karrozzi li jaħdmu bil-batterija. Dawn il-karrozzi m'għandomx magna la bil- petrol u lanqas diesel u għalhekk dawn ikunu jridu jiċċarġjaw il-batterija tal-vettura. Meta resident ikun għamel kuntratt sabiex jixtru karozza ta' din ix-xorta aħna nitolbu biex nagħmlu reserved parking sabiex ikunu jistgħu jiċċarġjaw il-batteriji ta' dawn il-vetturi".*

Il-Kunsillier is-Sur John Baptist Camilleri spjega li wara li kellu seminar fuq l-enerġija huwa ta' l-ideja li jitwaħħlu dawn iċ-*charging points* quddiem ir-residenzi sabiex inħajru aktar nies jixtru dawn il-vetturi u b'hekk nagħmlu xi tip ta' kuntratt mas-sid li jekk tinbiegħ il-vettura r-*reserved parking* tinqala`.

Il-Kunsill approva ~~unanimament din il-mozzjoni pero`~~ li għandna nitolbu l-parir tat-TM dwar dan, għaliex finalment *Reserved Parking* ikollha bżonn l-approvazzjoni mingħand TMalta.

7.0 ***Informazzjoni dwar l-attivitajiet mill-Kunsilliera:***

7.1 Il-Kunsillier is-Sur John Baptist Camilleri nforma lill-Kunsill li hu attenda għall-jumejn konferenza. Kellu wkoll laqgħa ġewwa l-Kunsill mas-Sinjura Diane Cassar tal-Miema fejn għamlu *audit* flimkien fuq dawk ix-xogħlijiet li twettqu sabiex jaderixxu mal-pjan li ġie mwettaq tas-SEAP (*Sustainable Energy Action Plan*). Il-Kunsill għadu qed jistenna riposta mill-Awdituri barranin sabiex jiġi mogħti *award* favur inizjattiva ta' l-ambjent.

- ***Is-Sindku ħareġ mill-laqgħa fit-8.25p.m. u pprresieda l-laqgħa l-Viċi Sindku s-Sur Charlot Mifsud.***

7.2 Il-Kunsillier is-Sinjura Carmen Fearne nfurmat lill-Kunsill li se ssir ikla għall-anzjani li jgħixu waħedhom. Se jkun hemm madwar 120 ruħ u eta` minn 65-il fuq. Din l-ikla se ssir fit-12 ta' Jannar, 2013.

7.3 Il-Kunsillier is-Sinjura Carmen Fearne nfurmat lill-Kunsill li se jorganizzaw logħba għat-tfal ma' xi tmien pajjiżi oħra tal-Unjoni Ewropeja. L-eta` tat-tfal tkun bejn 9 u 11-il sena. Kull pajjiż iridu jintgħażlu xi tfal fejn se jiktbu ittri bil-lingwa tagħhom umbagħad jintgħażlu xi kliem minn dawn l-ittri fejn dawn il-kliem ikollhom traduzzjoni għall-ingliż biex kull pajjiż ikun jista` jaqra ta' pajjiż ieħor. U dan se kollu b'kollaborazzjoni ma' l-iskola St. Thomas More.

7.4 Il-Kunsillier is-Sur Daniel Spiteri nforma lill-Kunsill li se jsir kors ta' *first aid* b'kollaborazzjoni mar-Red Cross. Il-kors irid isir b'minimu ta' 10 minn nies u talab għall-possibilita` li l-Kunsill jissusidja parti mill-kors għal mhux iktar minn €10 kull persuna. Il-Kunsill qabel b'dan is-suġġeriment jekk dejjem ikun hemm 10 persuni.

8.0 ***Aġġornament:***

L-Aġenda ġiet eżawrita kollha u l-laqgħa spiċċat fid-9.00p.m.

***Josef Grech***
Segretarju Eżekuttiv

***Mario Calleja***
Sindku